A.L. 110 ta' l-1996

ATT DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA (KAP. 250)

Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1957 dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 42 ta' l-1957.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1995.

Jissostitwixxi r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"IR-RABA' SKEDA

Tariffa ta' Drittijiet għal Telefonati Awtomatiċi (ISD) ma' Barra minn Malta

Għandhom japplikaw ir-**Rati *Off Peak*** għal telefonati li jsiru lejn xi Pajjiż hawn taħt indikat mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 p.m. ta' ġurnata u t-8.00 a.m. tal-ġurnata ta' wara, u telefonati li jsiru l-Ħadd, il-ġurnata kollha.

Għandhom japplikaw ir-**Rati Normali** għal telefonati li jsiru lejn xi Pajjiż hawn taħt indikat matul kull ħin ieħor li ma jkunux is-sigħat *Off Peak* speċifikati qabel.

Dawn ir-rati għandhom ikunu japplikaw *pro rata* għal kull sekonda sħiħa:

Pajjiż	Hlas kull minuta	
	Normali	*Off Peak*
	Lm c	Lm c
EWROPA U AFRIKA TA' FUQ		
Żona 1		
Italja, Libja, San Marino	0.28	0.22
Żona 2		
Awstrija, Bosnia & Herzegovina, ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Franza, Kroazja, Monako, Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro), Slovenja, Svizzera, Tuniżija	0.34	0.27
Żona 3		
Albanija, Alġerija, Belġju, Bulgarija, Ċipru, Danimarka, Eire, Ġermanja, Ġibiltà, Greċja, Gżejjer Faroe, Lussemburgu, Marokk, Norveġja, Olanda, Polonja, Portugall, Renju Unit, Repubblika Ċeka, Repubblika Slovakka, Rumanija, Spanja, Svezja, Turkija, Ungerija.	0.40	0.32
Żona 4		
Armenja,Ażerbajġan, Belarus, Estonja, Finlandja, Georgia, Greenland, Iżlanda, Każakhstan, Kyrgyzstan, Latvja, Litwanja, Moldavia, Russja, Taġikistan, Turkmenistan, Ukranja, Użbekistan	0.40	0.32
PAJJIŻI BARRA MILL-EWROPA		
Żona 5		
Eġittu, Ġordan, Iżrael, Lebanon, Sirja	0.69	0.53
Żona 6		
ASJA		
Afganistan, Bahrain, Bangladesh, Ċina, Emirati Għarab Magħquda, Ġappun, Indja,		

Pajjiż	Ħlas kull minuta	
	Normali	*Off Peak*
	Lm c	Lm c
Iran, Iraq, Jemen RDP, Kuwait, Nepal, Oman, Pakistan, Qatar, Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea, Repubblika Għarbija tal-Jemen, Repubblika Koreana, Saudi Arabja, Sri Lanka, Taiwan	1.20	0.96
AFRIKA		
Afrika t'Isfel, Angola, Ascension & Tristan da Cunha, Botswana, Burkina Faso, Burundi, Chad, Djibouti, Etjopja, Gabon, Gambja, Ghana, Guinea-Bissau, Kenja, Komoros, Kongo, Kosta ta' l-Ivorju, Liberja, Malawi, Mali, Mozambique, Namibja, Niġer, Niġerja, St. Helena, Sao Tome & Principe, Somalja, Sudan, Tanzanija, Uganda, Żaire, Żambja, Żanżibar, Żimbabwe	1.20	0.96
AMERIKA ĊENTRALI U T'ISFEL		
Anguilla, Antigua & Barbuda, Arġentina, Bahamas, Barbados, Bermuda, Brażil, Ċili, Dominika, Ekwador, Ġamajka, Grenada, Guadeloupe, Guyana, Gżejjer Cayman, Gżejjer Turks & Caicos, Gżejjer Virgin Amerikani, Gżejjer Virgin Brittanniċi (Tortola), Kolombja, Messiku, Montserrat, Perù, Puerto Rico, Repubblika Dominicana, St Kitts u Nevis, St Lucia, St. Vincent, Trinidad u Tobago, Urugway, Venezwela ...	1.20	0.96
Żona 7		
ASJA		
Brunei, Butan, Diego Garcia, Filippini, Hong Kong, Indoneżja, Kambodja, Laos, Macao, Malasja, Maldives, Mongolja, Myanmar (Burma), Singapore, Tajlandja, Vjetnam	1.20	0.96
AFRIKA		
Benin, Cape Verde, Guinea, Guinea Ekwatorjali, Kamerun, Lesotho, Madagaskar,		

Pajjiż	Hlas kull minuta	
	Normali	*Off Peak*
	Lm c	Lm c
Mauritania, Mauritius, Repubblika Afrikana Ċentrali, Reunion, Rwanda, Senegal, Seychelles, Sierra Leone, Swaziland, Togo ...	1.20	0.96
AWSTRALASJA		
Fiji, Guam, Gżejjer Cook, Gżejjer Mariana, Gżejjer Marshall, Gżejjer Solomon, Gżira Christmas, Gżira Norfolk, Kiribati, Micronesia, Nauru, New Caledonia, New Zealand, Niue, Palau, Papua New Guinea, Polinesja Franċiża (Tahiti), Samoa, Samoa Amerikana, Tokelau, Tonga, Tuvalu, Vanuatu, Wallis & Futuna	1.20	0.96
AMERIKA ĊENTRALI U TA' ISFEL		
Antilles Olandiżi, Aruba, Belize, Bolivja, Costa Rica, El Salvador, Guatemala, Guiana Franċiża, Gżejjer Falkland, Haiti, Honduras, Kuba, Martinique, Nikaragwa, Panama, Paragway, St. Pierre & Miquelon, Surinam ...	1.20	0.96
Żona 8		
Awstralja u Gżira Cocos	0.59	0.47
Żona 9		
Kanada, Stati Uniti ta' l-Amerika	0.56	0.44".

Jemenda l-Hames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok it-Taqsima II tal-Hames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din it-taqsima li ġejja:

"TAQSIMA II

Telefonati Awtomatiċi (ISD)

Għandhom japplikaw ir-**Rati *Off Peak*** għal telefonati li jsiru lejn Reġjun ta' l-Oċejan hawn taħt indikat mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 p.m. ta' ġurnata u t-8.00 a.m. tal-ġurnata ta' wara, u telefonati li jsiru l-Ħadd, il-ġurnata kollha.

Għandhom japplikaw ir-**Rati Normali** għal telefonati li jsiru lejn Reġjun ta' l-Oċejan hawn taħt indikat matul kull ħin ieħor li ma jkunux is-sigħat *Off Peak* speċifikati qabel.

Dawn ir-rati għandhom ikunu japplikaw *pro rata* għal kull sekonda shiħa:

Reġjun ta' l-Oċejan	Ħlas kull minuta	
	Normali	*Off Peak*
	Lm c m	Lm c m
Lvant tal-Atlantiku	3.10,0	2.90,0
Punent tal-Atlantiku	3.10,0	2.90,0
Indjan	3.10,0	2.90,0
Paċifiku	3.10,0	2.90,0".

4. Għall-għanijiet ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, id-drittijiet speċifikati f'dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li jkunu jinkludu fihom it-taxxa fuq il-valur miżjud li jkollha titħallas skond dak l-Att. Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Att Nru. XII ta' l-1994.